MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

**9 LEĠISLATURA**

## Laqgħa Numru 31 bi tkomplja tal-Laqgħa 30

**It-Tnejn, 1 ta' Marzu, 2021**

Il-Laqgħa saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq il-Kbira San Ġużepp fil-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| Michael Debono | Accountant |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 31.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

F'din il-laqgħa s-Sindku informa lill-membri lis-Sa Courtney Farrugia kienet indisposta minħabba l-eżitu tax-xogħol professjonali tagħha.

**31.5 Rapporti / Korrispondenza**

**31.5.1** Is-Sindku informa lill-membri li kellu kommunikazzjoni ma uħud mir-residenti taż-żona tal-Palazz l-Aħmar fejn l-istess residenti wrew ix-xewqa sabiex il-Kunsill ma jidħolx il-qorti minħabba il-proġett u tinstab soluzzjoni sabiex l-istess proġett jitlesta. Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament sabiex isir laqgħa pubblika għar-residenti li joqgħodu fil-Housing Estates ta' madwar dan il-ġnien nhar il-Ħamis 25 ta' Marzu 2020 fil-5:30pm.

**31.5.2** Is-Sindku informa lill-membri fuq Triq il-Brunżar fejn ir-residenti li joqgħodu qed jikkoperaw u għaldaqstant ix-xogħol qed jitkompla kif previst. Is-Sindku qal ukoll li huwa previst li ix-xogħol tal-ilma u drenaġġ għandu jitlesta fi żmien tlett xhur oħra.

**31.5.3** Is-Sindku informa lill-Membri li l-Kunsill kien irċieva mingħand il-Kap tal-Kulleġġ ta' Santa Tereza sabiex il-Kunsill jibdel il-ħinijiet tal-egħluq ta' Trejqa ta' Fleur de Lys minħabba li li l-ħinijiet inbidlu minħabba l-pandemija. Is-Sindku rrimarka li dawn l-istess tabelli jistgħu jerġgħu jinbidlu minn Transport Malta.

Wara diskussjoni, ġie suġġerit sabiex tintbgħat korrispondenza lil Transport Malta sabiex insostnu dwar il-pożizzjoni tagħna.

**31.5.4** Is-Sindku informa lill-membri li waslet it-talba mingħand is-Sa Stefania Calleja sabiex grupp ta' studenti li jattendu l-Kulleġġ ta' St. Elias College jgħamlu xogħol volontarju fi ġnien Romeo Romano li huwa parti minn proġett għall-Kommunita mill-programm Prince's Trust.

Il-Membri qablu unanimament

**31.5.5** Is-Sindku nforma lill-Membri li l-Kunsill tal-Imsida talab lill-Kunsill ta; Santa Venera għandux oġġezzjoni sabiex it-Triq li tinzel lejn il-wied tal-Imsida tissemma Triq Omm Sidna.

Il-Membri ma sabux oġġezzjoni dwar dan.

**31.5.6** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill ircieva mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill ikun jista' japplika sabiex jieħu fondi u jkun jista' jagħmel Attivitajiet Kulturali Annwali. Wara diskussjoni l-membri qablu unanimamet sabiex il-Kunsill jerga' japplika sabiex jingħata fondi u jekk tgħaddi din is-sitwazzjoni tal-pandemija terga' issir l-attivita fi ġnien Romeo Romano Bethlehem f'Santa Venera.

**31.5.7** Is-Sindku informa lill-membri sabiex fiż-żmien tal-ġimgħa imqaddsa fi Triq il-Kbira Sant Ġużepp u Misraħ Santa Venera jintramaw slaleb jixgħelu.

Wara diskussjoni il-membri qablu unanimament sabiex dan it-tiżjin issir mill-Kumitat Festi Esterni

**31.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

**31.6.2 *Quarterly Report* Oct-Dec 2020 - Unaudited Financial Statement 2020**

Is-Sindku talab lill-Accountant tal-Kunsill is-Sur Michael Debono sabiex jispjega fid-dettal r-rapport finanzjarju 2020.

Is-Sur Michael Debono spjega fid-dettal ir-rapport finanzjarju 2020 li jrid jiġi pprezentat Wara diskussjoni s-Sindku ppropona l-financial report filwaqt li s-Sur Darren Carabott ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-Membri qablu unanimament.

L-accountat, is-Sur Michael Debono, jispjega wkoll fid-dettal lill-membri preżenti l-*quarterly report* ta' bejn Ottubru u Diċembru 2020.

Wara diskussjoni, is-Sindku ippropona u s-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku għall-approvazzjoni tal-*quarterly reort*. Il-membri qablu unanimament.

**31.6.3 Perfomance Appraisal - (i) Ħaddiema tal-Kunsill**
**(ii) Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**(i) Ħaddiema Klerikali tal-Kunsill**

Is-Sindku talab lid-Deputat Segretarju sabiex jippreżenta il-*bonus appraisal* tal-ħaddiema u wara li ġew analizzati u diskussi il-membri tal-Kunsill qablu kif ġej:

Is-Sur Carmel Busuttil għandu jingħata l-ammont ta' 6%
Is-Sa Leanne Deguara għandha tingħata l-ammont ta' 6%
Is-Sur Jordan Grech għandu jingħata l-ammont ta' 5%

**(ii) Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku pprezenta lill-membri *l-performance apprasial* tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2020. Is-Sindku ppropona li d-Deputat Segretarju Ezekuttiv għandu jingħata 10% dan minħabba l-ħidma kontinwa tiegħu sa minn meta kien assenjat ma' dan il-Kunsill.

Is-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-kumplament tal-Membri qablu unanimament.

**31.6.4** ***Slow Streets report***

Is-Sindku informa lill-membri dwar ir-rapport li l-Kunsill irċieva tal-Slow Streets. Wara diskussjoni fuq dan ir-rapport il-membri tal-Kunsill qablu unimament sabiex il-Kunsill japplika għall-fondi u issir konsultazzjoni mar-Reġjun Ċentru sabiex jiskatta il-proċess.

**31.6.5 Aġġudikazzjoni tat-Tenders**

Is-Sindku informa lill-membri lit-Tender tal-Ġbir tal-Iskart, Tender tal-Ġonna u Soft Areas u t-Tender tal-Konsulent Legali ġew aġġudikati mill-Bord. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri lir-rapport joħroġ awtomatiku mis-sistema tal-ePPS wara li l-membri tal-Bord għamlu analiżi profonda skont ir-rekwiżiti mitluba fit-tenders rispettivi. Ir-rapport ikklassifika lill-Offeranti kif ġej:

**(i) Tender tal-Ġbir tal-Iskart**

| Tender ID | Name of Tenderer | Financial Bid Excl. VAT | Final Ranking |
|---|---|---|---|
| 141996 | WM Environmental Ltd | € 199,520.00 | **1** |
| 141960 | SRF and VELADRIANS | € 326,139.00 | **2** |

F'dan ir-rigward dawn l-offeranti gew skwalifikati minhabba li ma weġbux għall-kjarifika mitluba

| | | |
|---|---|---|
| 141979 | Joseph Cassar Agius and Kevin Farrugia | € 287,992.80 |
| 141960 | SRF and VELADRIANS | € 326,139.00 |

Wara diskussjoni dwar WM Environmental Ltd li huwa l-istess kuntrattur li l-Kunsill qed juża is-servizz tieghu bħalissa u l-Kunsill mhux sodisfatt b'dan is-servizz minħabba ċertu nuqqasijiet, il-Membri tal-Kunsill qablu li jittieħed parir mingħand l-Avukat tal-Kunsill u għaldaqstant il-Kunsill ikun f'pożizzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss sabiex jiddeciedi.

### (ii) Ġonna u *Soft Areas*

| Tender ID | Name of Tenderer | Financial Bid Excl. VAT € | Final Ranking |
|---|---|---|---|
| 141937 | Carmel Mifsud | 53400 | 1 |
| 141785 | George Vella | 58000 | 2 |
| 141587 | JX | 62200 | 3 |
| 141918 | SeD Construction ltd | 64000 | 4 |
| 141588 | Redeemer | 64440 | 5 |
| 141859 | Anton Borg | 75760 | 6 |
| 141938 | WM Environmental Ltd | 98136 | 7 |

Is-Sur Silvio Vella rrimarka li hu ma kienx sodisfatt bix-xogħol li kien qed isir mil-Kuntrattur Carmel Mifsud. Wara diskussjoni l-Membri tal-Board marru għall-vot
5 Favur u vot 1 Kontra. Għaldaqstant is-Sur Carmel Mifsud huwa l-offerant li rebaħ dan it-tender tal-ġonna u *soft areas*.

### (iii) Konsulent Legali

| Tender ID | Name of Tenderer | Financial Bid Excl. VAT € | Final Ranking |
|---|---|---|---|
| 140925 | Richard Sladden | 12300 | 9 |
| 140918 | Dr John Bonello | 5700 | 4 |
| 140880 | Advocates Primei | 6030 | 5 |
| 140867 | Avukat Muscat | 28000 | 11 |
| 140845 | Filletti Advocates | 9800 | 7 |
| 140844 | Iuris Malta Advocates | 7500 | 6 |
| 140768 | Dr Rosemarie Farrugia | 12200 | 8 |
| 140726 | SMM Consultancy Services Ltd | 5250 | 3 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 140640 | Matthew Paris | 4651 | 2 |
| 140039 | Natalino Caruana De Brincat | 4500 | 1 |
| 139892 | FSGM Partners | 27988.8 | 10 |

Wara diskussjoni l-Membri tal-Kunsill qanlu b'mod unanimu u dan it-tender intrebaħ minn Dr Natalino Caruana De Brincat ġaladarba kienet l-irħas offerta.

## 31.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġewx preżentati rapporti tal-laqgħat ta' kunitati jew sotto kumitati.

.

## 31.8 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda tal-pagamenti ġiet diskussa u approvata. Skeda ta' pagament: Proponent: Silvio Vella u Sekondant: Kursten Dimech

## 31.9 Ilmenti

**31.9.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 53 sa 197.

| | |
|---|---|
| 053 | Infurzar |
| 054 | Contracts Manager |
| 060 | Contracts Manager |
| 060 | Works Order |
| 069 | Contracts Manager |
| 070 | Ma tistax issir |
| 073 | Works order |
| 074 | Haddiema Assenjati |
| 075 | Ma tistax issir |
| 078 | Grima & Sons |
| 079 | Contracts Manager |
| 091 | Rizolta |
| 092 | Rizolta |
| 097 | Rizolta |
| 099 | Works Order Grima & Sons |
| 106 | Contracts Manager |
| 120 | Xogħol tlesta |
| 119 | Jitneħħa |
| 120 | Xogħol tlesta |
| 128 | Works Order |
| 135 | Works Order |
| 137 | Xogħol ser jitkompla minn CBD |
| 138 | Kunsill ma jaqbilx |
| 139 | Bħal ilment 62 |
| 149 | Deċiżjoni kienet ittieħdet |
| 152 | Logografix |
| 160 | Works Order Grima |

| | |
|---|---|
| 161 | Xogħol isir minn Joe Tabone |
| 162 | Grima & Sons |
| 163 | Pulizija |
| 166 | Linji jitneħħew |
| 174 | Xoghol ser jitkompla CBD |
| 175 | Grima & Sons |
| 180 | Works Order |
| 181 | Triq trid tinqala mill-ġdid |
| 189 | Ħaddiema Assenjati - jitneħħa l-madum u jitkaħħal |
| 190 | Transport Malta |
| 191 | Contracts Manager |
| 194 | Issir dog bin fejn kien qabel |
| 195 | Transport Malta |
| 196 | Nitolbuh igib il-permess u jekk juri li huwa garaxx inmexxu |
| 197 | Micamed |

**31.9.2** Ilmenti minn laqgħat preċedenti

| | |
|---|---|
| 734 | Ħaddiema Assenjati |
| 764 | Ma tistax issir |
| 932 | Work order - Grima & Sons - tabella issir fuq bending pole |

## 31.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fid-9.30 pm u ġiet aġġornata għad-29 ta' Marzu 2021, fis-6.30pm.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv